MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 15/2010

**Raymond Farrugia**

**Vs**

**Vincent Zammit**

Permezz ta’ rikors prezentat fil-15 ta’ Ottubru 2010 l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta’ erbat elef sebgha mija u disghajn ewro (€4,790) bilanc minn somma akbar li jghid li silef lill-konvenut.

Il-konvenut ma pprezentax risposta u lanqas deher fis-seduta tal-lum.

Jirrizulta li permezz ta’ skrittura privata datata 3 ta’ Lulju 2008 il-konvenut ikkonferma li hu debitur tal-attur fis-somma ta’ tmint elef mija u tnejn u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€8,152.81), ammont li kellu jithallas fi

zmien sentejn minghajr imghax. Permezz ta’ nota prezentata fil-5 ta’ Novembru 2010 l-attur iddikjara x’pagament saru mill-konvenut.

Wara li l-qorti semghet lill-attur jixhed bil-gurament, m’hemmx dubju li l-ammont mitlub hu dovut.

**Ghaldaqstant, il-qorti qeghda tilqa’ t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ erbat elef sebgha mija u disghajn ewro (€4,790), bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors. Spejjez a karigu tal-intimat**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------